# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


**Minuti tal-laqgħa Nru : 32 li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar it-Tlieta 21 ta' April 2015 fis-6.15p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | *Membri* |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| *Il-Kunsilliera* | *Is-Sinjura Elisabeth Cassar*<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Lawrence Ciantar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

### *Aġenda*

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 31.
2. *Punti li joħorġu mill-Minuti.*
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tar- Rapport ta' kull kwart Jannar – Marzu 2015
6. Approvazzjoni tal-Financial Statements wara l-aġġustamenti tal-Awditur.
7. Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2015/01 Maintenance and construction of pavements, boundary walls and other ancillary works.
8. Aġġudikazzjoni tal-kwotazzjoni MLC 01/2015 – Supply and delivery of print cartridges to Marsaskala Local Council.
9. Mistoqsijiet.
10. Mozzjonijiet.
11. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
12. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 **Qari w approvazzjonital-Minuti :**

1.1 **Laqgħa Nru 31(1) tat-23 ta' Marzu 2015:**

*Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.*

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ġibed l-attenzjoni illi paġna 4 punt #2.1.4 il-ħames paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb li nżommu f'moħħna illi l-impatt ta' dan il-proġett fuq ir-riserva tal-Kunsill ser tonqos u tajjeb li nkunu konxji illi ħafna xogħolijiet mhux ser ikunu jistgħu jsiru".*

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ġibed l-attenzjoni illi paġna 6 punt #3.1 is-seba` paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi f'każ estrem li m'għandniex fondi nistgħu inwittuha ftit u nagħtu ftit konkos fuqha biex nkunu qed nsolvu problema kbira li qed jaffaċċjaw ir-residenti ta' din it-triq sakemm mbagħad wara jsirilha l-asphalt".*

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 14 punt #7.4 ir-raba` paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi filwaqt li jifhem il-pożiżżjoni tas-Sindku irridu noqgħodu attenti kif ser jasal il-messaġġ mar-residenti, għaliex ikun hawn minn jabbuża u min-naħa tiegħu jissuġerixxi illi jiġu mnaqqsa id-double yellow lines mil-Lokalita'. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa li minflok ma jiġu xejn, jiġu wara id-0900 u jieqfu fit-2000".*

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal-laqgħa fis-6.26pm.***

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u s-Sindku ssekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 31(1) tat-23 ta' Marzu 2015:**

2.1.1 Is-Sindku spjega rigward punt #7.4 ta' paġna 14 fejn qal illi fid-9.00am il-gwardjani lokali mhux ser jiġu għax kien diġa talabhom biex jiġu fid-9.00am u qatt ma ġew f'dan il-ħin. Huwa kompla jispjega illi l-gwardjani lokali qed jiġu fis-7.30am sabiex jgħatu ċitazzjonijiet anke f'każijiet fejn xi residenti jirfsu ftit il-linji s-sofor. Huwa tal-opinjoni illi l-gwardjani lokali għandhom jgħatu servizz mit-Tlieta sal-Ġimgħa mil-10.00am u jkunu iffukati iktar fuq l-ambjent.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa illi Triq ix-Xatt fis-sajf il-parkeġġ isir bil-ħin. Huwa kompla jgħid illi l-parkeġġ tal-impjant u l-parkeġġ tal-pixxina jista jintuża wkoll biex b'hekk insolvu l-problema tal-parkeġġ.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li jekk issir *shuttle transport* ir-residenti jkunu moqdija aħjar.

Is-Sindku qal li din is-sistema hija tajba u f'dak il-każ tinħadem bis-sistema tal-*Private Public Parternship.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lit-TM rigward il-possibilita` ta'*shuttle transport.*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsilliera jkunu nfurmati bid-data tal-laqgħa li għandha issir ma rappreżentanti tal-kumpanija li tipprovdi l-gwardjani lokali.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lill-Kunsilliera fuq punt #3.7 paġna 9 rigward il-kuntrattur tal-qtugħ ta' ħaxix. Huwa qal illi wara ħafna dewmien biex isir ix-xogħol, il-qtugħ ta' ħaxix mhux qed isir kif suppost għaliex il-ħaxix qed jaqtalu l-biċċa ta' fuq biss u mhux kollox.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nkellmu lill-kuntrattur u ngħidulu sabiex Triq id-Daħla ta' San Tumas, Triq il-Blajjiet u Triq Salvu Buhagiar jerġa jaqta l-ħaxix bla ħlas.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-kuntrattur tal-knis kien qata l-ħaxix ħdejn l-iskola u *minflokk ġabru tefgħu fuq il-ħaxix l-ieħor, apparti illi t-terrapien li kien hemm baqa fejn kien.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi ngħidu lil-kuntrattur tal-knies sabiex inaddaf.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar tkellem fuq punt #3.1 ta' paġna 6 għaliex qal li d-deċiżjoni illi ittieħdet fl-aħħar laqgħa rigward xogħlijiet fi Triq il-Bidni mhux ser tiġi onorata.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-Kunsilli kien iddeċieda ukoll illi issir Triq tal-Gardiel pero` il-kuntrattur infurmah illi din it-triq trid issir bil-permessi kollha ta' TMalta u għaldaqstant jridu *jinbidlu s-servizzi neċessarji u biex isir dan it-triq ma tistax titqaxxar biss kif kien deċiż u l-ispiża* titla sew u jekk il-platebearing test tal-bażi ma tgħaddix l-ispiża titla ħafna iktar. ~~Aġġareti~~ Apparti minn kemm it-triq hija ħafna iktar wiesgħa u twila minn Triq La Sengle. Huwa kompla jgħid li qed jassumi li t-triq se tlaħħaq il-€50,000.

IL-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kemm hemm flus ivvutati fil-*budget* għat-tiswijiet ta' toroq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li hemm madwar €70,000 li €25,000 diġa intefqu fuq Triq il-*Bidni.*

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi kien hemm xi nies minn Triq il-Bidni li kienu kellmuh u qalulu illi waslu fi stat illi lanqas tabib ma jista jmur għand ir-residenti. Huwa kompla jispjega illi jekk naqbdu ħames trakkijiet konkos u nimlew it-toqob il-gravi dejjem nistgħu ngħinuhom, sakemm ma toħroġ xi skema oħra nkunu nistgħu napplikaw għalija.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk nistgħux nagħtu t-tarmak. Huwa kompla jispjega illi s-*side streets* jinsabu fi stat ħazin ukoll.

Is-Sindku wieġbu li l-Perit ġie nkarigat biex jagħmel stima imma minħabba li saru diversi proġetti, l-uniku mezz huwa li ngħattu l-ħofor il-kbar bil-konkos.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ma nistgħux nagħtu medda kbira ta' tarmak jew konkos minħabba li l-area tal-Bidni hija *archeological area* u għaldaqstant li nistgħu ngħamlu huwa illi ngħattu t-toqob bil-konkos.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġibu erbgħa *bowzers* konkos.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-7.00pm***

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tal-WSC qed jagħmlu diżastru fit-toroq tal-lokal meta jagħmlu *trenching*. Huwa kompla jgħid illi irridu nduru l-*areas* kollha u naraw fejn hemm il-ħsara, huwa qal illi l-*area* ta' Bellavista fosthom Triq il-Gemmugħa, Triq is-Sallur u Triq is-Salvja għandhom ħafna ħsarat.

Is-Sindku qallu illi f'kull laqgħa tas-Sindki titqajjem din il-problema u sfortunatament għada ma ssolvietx.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi huwa tal-opinjoni illi meta jiġu għal permess jgħamlu depożitu ta' €100 jew €200 u jekk ix-xogħol jkun sar kif suppost jingħataw id-dipożitu lura. Apparti minn hekk huwa staqsa jekk fil-permess inniżlu li t-tarmak jrid jinqata bit-*tarmac saw.*

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kiteb kemm il-darba lil WSC u baqa mingħajr risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni illi nippublikaw l-ittri kollha fil-magażin sabiex ir-residenti jkunu jafu.

6.0 ***Approvazzjoni ta-Financial Statements wara l-aġġustamenti tal-Awditur:***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi peress li saru xi aġġustamenti żgħar min-naħa tal-awdituri rridu nerġu napprovaw il-*financial statements.*

L-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff spjegat l-aġġustamenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-aġġustamenti tal-*financial statements* u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ssekonda.

Il-Kunsill qabel unanimament dawn l-aġġustamenti.

5.0 ***Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart Jannar – Marzu 2015:***

L-accountant tal-Kunsill spjegat fid-dettal ir-rapport ta' kull kwart Jannar – Marzu 2015.

Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabethh Cassar ipproponiet ir-rapport ta' kull kwart minn Jannar sa Marzu 2015 u s-Sindku ssekonda.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Żieda fin-notch tas-Sinjura Alexandra Mallia:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi s-Sinjura Alexandra Mallia ntitolata għal żieda fin-notch. F'Marzu 2015 kella titla Scale 15 point 4.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 **Rigward il-floating platform u l-laqgħa li saret ma uffiċjali minn Projects Malta u MTA:**

Is-Sindku beda biex jispjega illi kien irċieva telefonata mingħand xi ndividwu rigward li kien diġa ħareġ it-tender fuq il-*floating platform.* Huwa kien ikkomunika mmedjatament mal-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar peress li dan huwa membru fil-Kumitat Konsultattiv u talbu sabiex jiċċejka dwar dan. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar nforma lis-Sindku li kienu tawh struzzjonijiet sabiex aħna nkunu bħala *objectors* u fil-fatt hekk sar.

Is-Sindku kompla jispjega illi wara li reġgħet saret laqgħa magħhom kienu skużaw ruħhom għaliex f'ġurnal lokali kienet ħarġet stqarrija mhux korretta. Huwa kompla jispjega illi waqt il-laqgħa kienu qalulhom illi dan il-*floating platform* ser ikun miftuħ għal pubbliku mis-7.00am sas-6.00pm u wara dan il-ħin biex issir attivita` jridu jġibu il-permessi neċċessarji. Huwa kompla jispjega illi l-mużika trid tkun baxxa u sal-11.00pm, ma jistax jsir tisjir fuq il-*floating platform* u l-*floating platform* jintrama f'nofs Ġunju u jiżżarma f'nofs Settembru.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet li din diġa ġiet approvata u għaldaqstant xejn ma jista jinbidel.

Is-Sindku qal illi jekk wara sena naraw li qed jinħoloq xi nkonvenjent allura is-sena ta' wara nitolbuhom sabiex ma jarmawhx. Huwa kompla jispjega illi jekk jinħarġu *tlett defaults* il-*floating platform* jitneħħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna irridu nikkuntatjaw lill-*contracting authority* bl-ilmenti tagħna u l-*contracting authority* tkun tista toħrog *default* u mhux il-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi irridu noqogħdu attenti illi ma nillimitawx l-ispazju fuq il-blat peress li fis-sajf jkun frekwentat minn ħafna nies.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk f'każ ta' maltemp fejn ser jpoġġi dan il-*floating platform* jekk hux fuq is-simenta. Huwa kompla jispjega illi fil-filmati dehru ukoll użu tal-*jet skies*. Huwa saħaq illi irridu noqgħdu attenti li ma tiġiex ingumbrata l-area tas-simenta jew xi *area* oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa ukoll minn ser jnaddaf il-baħar jekk jintremew l-affarijiet minn fuq dan il-*floating platform*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni illi ngħamlu lista bl-affarijiet li qed jikkonċernawna u nibgħatuhom sabiex jitniżżlu fit-*tender.*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nibgħatu dawn il-punti u jiġu imniżżla fil-*memorandum of understanding:*

1) Il-*floating platform* jista jintuża mill-pubbliku sas-6.00pm.
2) Fl-ebda mument ma jistgħu jħallu partijiet mil-floating platform fuq il-blat jew is-simenta meta jiżżarma.
3) Jiġi projbit *bbq* fuq il-*floating platform* u ma jkunx hemm ostakoli li jsiru *bbq* fil-viċin.
4) Affarijiet kummerċjali jinbigħu wara 6.30pm
5) Kif ser tkun is-sistema tal-elettriku.
6) Jekk jkun hemm xi tip ta' ilment jkolna dritt li ninfurma lil *contracting authority* u tittieħed azzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu dawn il-punti u nibgħatuhom, u ninfurmahom illi aħna qatt ma ġejna ikkonsultati.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħareġ mil-laqgħa fit-8:00pm.***

3.3 **Risposta mil-kuntrattur li jġib sponsors (35/1473/15I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienu ssuġġerew li noħorġu sejħa u aħna konna bagħtna lill-Kunsilli Lokali kollha sabiex kull minn kien ħareġ xi sejħa bħal din jibgħatilna d-dokumenti tas-sejħa. Huwa kompla jispjega li l-ebda Kunsill li rrisponda qatt ma ħareġ din is-sejħa u anzi talbu li kif noħorġuha nibgħatulhom kopja tas-sejħa. Huwa spjega illi din il-persuna li kienet bagħtet sabiex tieħu dan l-inkarigu kienet l-istess persuna li tieħu ħsieb il-karnival, l-Imnarja eċċ u tieħu ħsieb li tiġbor il-flus mil-*isponsors*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni li tinħareġ *expression of interest* sabiex ikun *fair* ma kullħadd u kulħadd jkollu opportunitajiet indaqs.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex noħorġu *expression of interest* dwar dan.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fit-8.06pm***

3.4 **Talba mil-wasterv biex il-Kunsill jipprovdi mobile toilets għall-attivita' li se ssir is-Sibt u l-Ħadd 25 u 26 t'April 2015 (35/1436/15/I):**

Is-Sindku spjega illi ser issir attivita` ġewwa l-Wasteserv is-Sibt 25 u l-Ħadd 26 t'April 2015 b'risq il-*Malta Community Chest fund.* Huwa kompla jispjega li dawn talbu li ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u aħna bħala Kunsill nipprovdu żewġ *mobile toilets.*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nipprovdu żewġ *mobile toilets* u jkun hemm il-*logo* tal-Kunsill sabiex turi li din l-attivita` qed issir bl-kollaborazzjoni mal-Kunsill.

3.5 **Korrispondenza minn TMalta rigward proposta ta' bollards u zebra crossing fi Triq il-Qaliet (35/1354/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kien mar mat-TMalta sabiex issir din *humped zebra crossing* fi Triq il-Qaliet ftit il-fuq minn Triq Philip De Vendome quddiem l-appartament Riveria Del Sol. Huwa kompla jispjega illi kemm il-bollards u kif ukoll il-*humped zebra crossing* ser jsir min-naħa tat-TMalta u min-naħa tal-Kunsill jsiru l-marki tal-karreġjat.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.6 **Ikids Summer 2015 organizzat mt-TCTC:**

Is-Sindku spjega illi ser jsir il-kors tal-*Ikids* fis-sajf bħal ma jsir kull sena.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.7 **Survey (35/1500/15/I):**

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard spjegat illi biex isir sondaġġ telefoniku rigward il-*magazine* tal-Kunsill mill-Kumpanija Misco, lill-500 resident kienet ser tiswina €2,500. Hija kompliet tispjega li kienet ser tiġi għolja ħafna u għaldaqstant dan is-sondaġġ ser isir mil-Kunsill billi nallokaw paġna fuq il-magażin tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.8 **Manutenzjoni fuq il-Latrina tal-Jerma:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi l-kuntrattur tal-latrina kien nfurmah illi qed jinħela ħafna ilma f'din il-latrina peress li hemm ħafna ħsarat, fejn ġablu anke rapport. Huwa kompla jispjega illi ser jipprova li dan ix-xogħol jsir min-naħa tal-*Cleansing Department* u l-materjal jinxtara mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jinxtara l-materjal.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għal laqgħa fit-8.30pm***

3.9 **<u>Festa Rizzi (35/1526/15/I):</u>**

Is-Sindku spjega illi l-kumpanija *2 Minds Events* flimkien ma l-*Inspire* jixtieq jtellu attivita` Festa Rizzi ġewwa l-Bajja ta' San Tumas, nhar il-Ħadd 14 ta' Ġunju 2015.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir laqgħa magħhom.

3.10 **<u>Talba għal kumpens minħabba Triq tal-Gardiel (35/1563/15/I):</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi s-Sur John B. Bonnici qed jiklejma €90 għal ħsarat li ġarrab fit-*tyre* fi Triq tal-Gardiel fis-6 ta' April 2015.

Il-Kunsill qabel unanimament li jħallas 70% tal-ispejjeż cioe €63.

3.11 **<u>Memo 7/2015 Laqgħat mar-Reġjun (35/1588/15/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi peress illi l-laqgħat tar-Reġjun mhux qed jsiru minħabba nuqqas ta' kworum għaldaqstant fl-assenza tas-Sindku jistgħa jattendi Kunsillier.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk jkun infurmat minn qabel jgħamel mezz li jattendu hu. Il-Kunsillier J B Camilleri offra li jmur huwa wkoll.

3.12 **<u>Memo 8/2015 Ftehim Kollettiv għal Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill (35/1629/15/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien bgħat din l-imejl fejn tgħid illi skrivani fi skala 15 ser jipprogressaw fi skala 14 u mhux kif kien qabel jiproggresaw fi skala 13 u minn jkun fi skala 11 jiprogressa fi skala 10 meta qabel skala 11 kienet l-aħħar skala illi impjegat jista jilħaq u dan wara 5 snin fil-kariga ta' Skala 10. Huwa kompla jispjega illi fil-*memo* hemm ukoll illi jekk skrivana tkun ilha fil-massimu tal-iskala 11 sa ħames snin allura trid tieħu l-arretrati mis-sena 2013. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi is-Sinjorina Claudine Fenech trid tieħu l-arretrati.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.13 **<u>Proposta minn Ozone sabiex naqilbu il-linji tat-telefon magħhom (35/1642/15/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rappreżentant minn din il-kumpanija offra pakkett fuq il-linja fissa telefonika u jgħatuna PABX ġdida. Huwa kompla jispjega illi bħala pakkett tawna offerta tajba pero` irridu nelliminaw il-linja tal-Vodafone.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nibqu mal-kumpanija li qedgħin magħhom fil-preżent u dan minħabba li l-PABX eżistenti mhijiex tal-Kunsill.

3.14 **<u>Removal of domesticated waterfowl from il-Magħluq (35/1677/15/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi ser jibdew bl-inizjattiva sabiex jtejbu l-ambjent tal-Magħluq billi jitneħħew il-papri u anke jitnaddaf mil-ħama.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hux ser jibda issa ix-xogħol peress li dieħel is-*Sajf*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li d-dawl li hemm huwa *whip type* u responsabilita` hija tal-Enemalta. Huwa kompla jgħid illi tal-opinjoni illi ssir laqgħa magħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir laqgħa magħhom.

3.15 **Imwejjed u Siġġijiet:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal tal-*47 Summer Nights* qed joħroġ l-imwejjed u siġġijiet ġol-bandli. Huwa kompla jgħid illi ra komunikazzjoni illi l-istabilment *Chapters* ser jerġa jinfetaħ u ħariġlu l-permess tal-imwejjed u siġġijiet. Huwa saħaq illi fil-bandli qed jkun hemm ħafna abużżi tal-imwejjed u siġġijiet.

Is-Sindku qal li din il-materja ilhom jiddiskutuwa u jekk mhux ser jieħdu azzjoni ser nibqu bl-istess problema. Huwa kompla jghid li hu tal-opinjoni illi jsir sinjal oħxon isfar u wara jsiru l-*bollards* bil-ktajjen.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nagħmlu il-bollards u l-ktajjen.

3.16 **Tender tad-Dawl:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi f'dan it-*tender* m'hemmx l-*ispecifications* tad-dawl ornamentali.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lill-Kunsill Lokali Żejtun sabiex jipprovdulna kopja tal-*ispecifications*.

3.17 **Kawża kontra s-Sur Mark Camilleri:**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi illum nqatet il-kawża tiegħu kontra s-Sur Mark Camilleri dan fuq diskors disprjeġġattiv fuq *blog tal-facebook*, fejn s-Sur Camilleri instab ħati fuq iż-żewġ akkużi u ġie lliberat bil-kundizzjoni, illi ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mid-data tad-deċiżjoni tal-kawża kif ukoll €1000 multa jekk fi żmien sena mil llum iħares jew jikkomunika miegħu.

4.0 **Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi kellna xi pagamenti illi daħlu tard u ser jitressqu f'din is-seduta u jkunu mniżżla fis-seduta li jmiss bħala ħlasijiet b'urġenza:

4.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagament #2415 tas-Sur Mario Mallia bl-invoice no 82/15 għaliex saru dawn it-toqob.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi t-toqob kienu saru għal attivita` tal-Ġimgħa il-Kbira.

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

7.0 ***Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2015/01 – Maintenance and construction of pavements, boundary walls and other ancillary works:***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta t-*tender schedule* ta' minn issottemetta l-offerta tiegħu.

| No | Bid Bond | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|---|
| 1 | ✓ | Road Maintenance Services Ltd | / | As per b.o.q's |
| 2 | ✓ | S. Spagnol Construction Ltd | Only original copy submitted | As per b.o.q's |
| 3 | ✓ | Karmig Trading Ltd | Only original copy submitted | As per b.o.q's |
| 4 | ✓ | Rockcut Ltd | Insurance policy not submitted | As per b.o.q's |

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport imħejji mingħand il-Perit fuq dawn l-offerti. Huwa kompla jispjega illi l-Perit fir-rapport tiegħu qal illi offerent nru 1 Road Maintenance Services Ltd u offerent nru 4, Rockcut Ltd huwa l-iktar żewġ offerenti għoljin. Fir-Rigward ta' offerent nru 2. S. S Spagnol Construction Ltd u oferrent nru 3. Karmig Trading Ltd, il-Perit ħadem 3 xenarji differenti fejn jidher illi l-Karmig Ltd huwa orħos minn S. Spagnol Construction Ltd.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-erba offerenti huma *technically compliant*, filwaqt illi l-Karmig Trading Ltd u S.Spagnol Construction Ltd ma ssottomettewx kopja tat-tender kif kien hemm stipulat fil-kuntratt. Apparti minn hemm il-kuntrattur Karmig Ltd għamel klawsola fil-kuntratt fejn talab €250 bħala *flat rate* f'kaz li jkun hemm xogħol inqas minn sitt metri.

Il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat kjarifika lill-kuntrattur S.Spagnol sabiex jiprovdi kopja tat-*tender* filwaqt li lill-offerent Karmig Trading Ltd tintbagħat kjarifika sabiex jiprovdi kopja tat-*tender* u ~~jiċċara ruħu fuq~~ jirrinunzja għal il-flat rate ta' €250.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bankina preferibilment ma jsirux bil-*fibre mesh*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona illi jekk nirċievu l-kjarifiki u jiġu *administrativley compliant*, din l-offerta tingħata lil Karmig Trading Ltd peress illi huwa l-orħos offerent filwaqt illi it-tieni offerent magħżul jkun S. Spagnol Construction Ltd. Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda din il-mozzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament.

8.0 ***Aġġudikazzjoni tal-kwotazzjoni MLC 01/2015 – Supply and delivery of print cartridges to Marsaskala Local Council:***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-quotation ta' minn issottemetta l-offerta tiegħu.

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | Smart Office Supllies Ltd | / | As per b.o.q's |
| 2 | Office Point | / | As per b.o.q's |

*Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi offerent nru 1 Smart Office Supllies Ltd huwa* orħos minn offerent nru.2 Office Point.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lill-Smart Office Supplies Ltd peress li dan huwa l-orħos offerent.

9.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

10.0 ***Mozzjonijiet:***

10.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#096 – 21/4/15):**

*"Jipproponi li nwaħħlu bożża ġdida fi Triq il-Qrempuċ k/m Triq Ġużeppi Lanzon."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

11.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

11.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li ser jerġa jagħmel kors ieħor tal-first aid bi ħlas ta' €35 għal kull persuna u kull applikant jħallas €25. Dan il-kors ser jsir fit-*training centre.*

11.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi fl-aħħar laqgħa annwali ġenerali tad-Douzelage li sar ġewwa Sigulda, attendew għalih il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt u hu flimkien ma erba membri mhux delegati. Huwa kompla jispjega illi qraw u approvaw il-minuti tal-laqgħa annwali ġenerali tas-sena ta' qabel u attendew għal erba *work shops* li kienu kif ġej:

1) 25th anniversay Douzelage.
2) How the future general meeting can be organized
3) *What could your douzelage town offer to other douzelage towns.*
4) Structure to douzelage presidancy.

Is-Sindku kompla jispjega illi ser jissieħeb pajjiż mill-Kroazja bħala membru ġdid. Huwa kompla jispjega illi l-laqgħa annwali ġenerali tas-sena 2018 mhux ser issir Malta peress li ser jkollna żewġ elezzjonijiet dik ġenerali u dik tal-Kunsill u għaldaqstant il-laqgħa annwali ġenerali ser issir Malta fis-sena 2021. Huwa kompla jispjega illi l-elezzjoni tal-presidenza ser issir is-sena d-dieħla ġewwa l-Bulgaria u din id-darba ser jiġu eletti tlett viċi presidenti.

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi f'Lulju ġejjien tlett tfajliet u żewġ ġuvintur ta' l-aħħar fażi ta' programm Leonardo Da Vinci u ser jkunu jaħdmu ġewwa s-Sensi Hotel.

Is-Sindku preżenta l-invoice tal-*membership tad-douzelage* tas-sena 2015 li tammonta għal €350.

Il-Kunsill qabel unanimament li nħallsu din il-membership.

11.3 ***Banda:***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk din is-sena hux ser terġa issir l-attivita` tal-banda.

Is-Sindku qal li hu ssuġġerilhom illi minflokk din is-sena l-attvita issir fuq is-simenta issir fuq iz-zuntier tal-Knisja iżda għad irridu nġibu l-*isponsors* sabiex ma tinqabisx l-ammont tad-*direct order.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi nkellmu lill-President tal-banda is-Sur Kevin Bonello.

12.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-9.45p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2015 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku